



Brussell, id-19 ta' Awwissu 2020
REV3 – jissostitwixxi l-avviż
(REV2) bid-data tat-28 ta' April
2020¹

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAT-TRASPORT BIL-FERROVIJA

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"². Il-Ftehim dwar il-Hruġ³ jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Sa dik id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih⁴.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinneogzjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprevedi, b'mod partikolari, żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, m'hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim joħloq relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq se tkun differenti ħafna mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,⁵ fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali applikabbli wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti A hawn taħt). Dan l-avviż jispjega wkoll ċerti dispożizzjonijiet rilevanti dwar is-separazzjoni fil-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-Parti B hawn taħt) [kif ukoll ir-regoli applikabbli għall-Irlanda ta' Fuq wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti C hawn taħt)].

Avviż lill-partijiet ikkonċernati:

- ¹ Il-bidla hija limitata għall-ewwel inċiż fit-taqsima B ta' dan l-avviż.
- ² Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.
- ³ Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ").
- ⁴ Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.
- ⁵ B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprevedix kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-oġġetti u s-servizzi) bħar-rikonoxximent reċiproku, il-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini", u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

Biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi stabbiliti f'dan l-avviż, il-partijiet ikkonċernati huma b'mod partikolari rakkomandati li:

- jiżguraw li jkunu stabbiliti fl-UE, jekk dan huwa meħtieġ biex jinżammu l-liċenzji rilevanti;
- jiżguraw awtorizzazzjoni mill-Aġenzija Ferrovarja tal-Unjoni Ewropea jew mill-awtoritajiet tal-Istati Membri⁶;
- jiżguraw ċertifikazzjoni minn korpi notifikati u korpi nominati bbażati fl-UE.

Barra minn hekk, jenħtieġ li s-sewwieqa tal-ferroviji b'liċenzja/ċertifikat maħruġ fir-Renju Unit u li jaħdmu fi Stat Membru jieħdu l-passi meħtieġa biex jiksbu dokumenti ta' ċertifikazzjoni validi fl-UE wara t-tmiem tal-perjodu tat-tranżizzjoni. Għalhekk, impriżi ferrovjarji jew maniġers tal-infrastruttura fl-UE li jħaddmu sewwieqa tal-ferroviji b'dokumenti ta' ċertifikazzjoni maħruġa fir-Renju Unit huma mistiedna jinformaw lil dawn il-persuni dwar il-ħtieġa li jiksbu dokumenti ta' ċertifikazzjoni ġodda validi fl-UE wara t-tmiem tal-perjodu tat-tranżizzjoni.

L-impriżi ferrovjarji li jipprovdu servizzi transkonfinali bejn ir-Renju Unit u l-UE u li jixtiequ jkomplu jagħmlu dan wara l-perjodu tat-tranżizzjoni, se jeħtiġilhom jiżguraw li s-sewwieqa fit-taqsimiet ta' dawk is-servizzi transkonfinali li jinsabu fit-territorju tal-UE jkollhom il-liċenzji/ċertifikati meħtieġa maħruġa fl-UE.

A. IS-SITWAZZJONI LEGALI WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TAT-TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE fil-qasam tat-trasport bil-ferrovija mhux se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit⁷. Dan iwassal b'mod partikolari għall-konsegwenzi li ġejjin:

1. IL-LIĊENJI TAL-IMPRIŻI FERROVJARJI

Skont il-Kapitolu III tad-Direttiva 2012/34/UE li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea,⁸ l-impriżi ferrovjarji għandhom bżonn liċenzja sabiex jipprovdu servizzi tat-trasport bil-ferrovija: dawn intitolati japplikaw għaliha fl-Istat Membru tal-UE fejn huma stabbiliti. Il-liċenzja hija valida fit-territorju kollu tal-Unjoni, dment li l-impriża tkun tissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-Kapitolu III tad-Direttiva 2012/34/UE. Il-liċenzji maħruġa mir-Renju Unit mhux se jibqgħu validi fl-UE wara t-tmiem tal-perjodu tat-tranżizzjoni. L-impriżi ferrovjarji li jkollhom liċenzja bħal din u li jixtiequ jkomplu joperaw fl-UE wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, se

⁶ Pereżempju, l-impriżi ferrovjarji li jkollhom dan iċ-ċertifikat u li jixtiequ jkomplu joperaw fl-UE wara l-perjodu tat-tranżizzjoni se jkollhom japplikaw għal ċertifikat ta' sikurezza uniku jew lill-Aġenzija jew fi Stat Membru tal-UE (jekk iż-żona tal-operazzjonijiet tkun limitata għal dak l-Istat Membru) skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2016/798/UE.

⁷ Fir-rigward l-applikabilità għall-Irlanda ta' Fuq tal-liġi tal-UE dwar il-prodotti organiċi, ara l-Parti C ta' dan l-avviż.

⁸ Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea, ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32.

jeħtiġilhom japplikaw għal liċenzja għda fi Stat Membru tal-UE f'konformità mal-Kapitolu III tad-Direttiva 2012/34/UE.

L-impriżi ferrovjarji li jipprovdu servizzi transkonfinali bejn ir-Renju Unit u l-UE u li jixtiequ jkomplu jagħmlu dan wara t-tmiem tal-perjodu tat-tranżizzjoni, jeħtieġilhom ikunu konformi mar-rekwiżiti legali applikabbli kemm għall-UE, kif ukoll għar-Renju Unit. Dawk l-impriżi, għalhekk, se jeħtieġilhom jiżguraw li jkollhom liċenzja valida fl-UE għat-taqsimiet tas-servizzi transkonfinali li jinsabu fit-territorju tal-UE. Skont l-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2012/34/UE, jeħtieġ li l-ewwel ikunu stabbiliti f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE biex jiksbu l-liċenzja tal-UE.

2. IS-SIKUREZZA FERROVJARJA U L-INTEROPERABILITÀ FERROVJARJA

F'dak li għandu x'jaqsam mal-Unjoni, id-dispożizzjonijiet dwar is-sikurezza ferrovjarja u l-interoperabilità ferrovjarja huma stabbiliti, rispettivament, mid-Direttiva (UE) 2016/798 dwar is-sikurezza ferrovjarja⁹ u mid-Direttiva (UE) 2016/797 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (riformulazzjoni)¹⁰. Il-Konvenzjoni dwar it-trasport internazzjonali bil-ferrovija (COTIF), li l-Unjoni u l-Istati Membri li għandhom sistema ferrovjarja¹¹ huma partijiet fiha, inkluż ir-Renju Unit, tinkludi wkoll regoli dwar dawn is-suġġetti. Madankollu, il-COTIF ma tapplikax għat-traffiku li jkun limitat għan-network tal-UE (jiġifieri li ma jiġix minn jew imur f'pajjiż terz)¹².

2.1. Is-sikurezza ferrovjarja

Skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2016/798, l-aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja fl-Unjoni minn impriża ferrovjarja huwa soġġett għal ċertifikat ta' sikurezza uniku maħruġ mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji jew minn Stat Membru jekk iż-żona tal-operazzjoni tkun limitata għal dak l-Istat Membru. Iċ-ċertifikati tas-sikurezza maħruġa mir-Renju Unit skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva mhux se jibqgħu validi fl-UE wara t-tmiem tal-perjodu tat-tranżizzjoni.

Skont l-Artikolu 14(4) tad-Direttiva (UE) 2016/798, kull entità inkarigata mill-manutenzjoni (ECM - entity in charge of maintenance) ta' vaguni tal-merkanzija hija soġġetta għal rekwiżit ta' ċertifikazzjoni. Ċertifikati maħruġa fir-Renju Unit mhux se jibqgħu validi fl-UE wara tmiem il-perjodu ta'

⁹ Id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja (id-Direttiva dwar is-Sikurezza Ferrovjarja), ĠU L 138, 26.5.2016, p. 102.

¹⁰ ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44.

¹¹ Malta u Ċipru ma għandhomx sistema ferrovjarja.

¹² L-Artikolu 2 tal-Ftehim bejn l-organizzazzjoni intergovernattiva għat-trasport internazzjonali bil-ferrovija u l-Unjoni Ewropea dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni li tikkonċerna t-trasport internazzjonali bil-ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999 (http://otif.org/fileadmin/user_upload/otif_verlinkte_files/04_recht/02_COTIF/AG_10-5_ad1_e.pdf).

tranzizzjoni¹³. ECMs li huma fil-pussess ta' ċertifikat maħruġ mir-Renju Unit u jixtiequ jkomplu l-attivitajiet professjonali tagħhom fl-UE se jkunu meħtieġa japplikaw għal ċertifikat fi Stat Membru tal-UE.

Barra minn hekk, wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, l-ECMs jistgħu japplikaw għal ċertifikat skont il-qafas legali tal-COTIF¹⁴.

2.2. L-interoperabbiltà ferrovarja

- It-tqegħid fis-suq ta' prodotti ferrovarji koperti mid-Direttiva (UE) 2016/797: Għal dawk il-prodotti, l-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi għall-Interoperabbiltà tal-Unjoni Ewropea jstabbilixxu l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità applikabbli u jiddeterminaw jekk, għal kull waħda minnhom, hemmx il-ħtieġa ta' intervent minn parti terza (Korp Notifikat jew Korp Nominat) jew le. F'termini tat-tqegħid fis-suq ta' prodotti bħal dawn, dan l-avviż għandu jinqara flimkien mal-avviż ġeneriku għal operaturi ekonomiċi soġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-prodotti industrijali,¹⁵ b'mod partikolari t-taqsim 2 ta' dak l-avviż ġeneriku dwar il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u l-Korpi Notifikati. Il-konsegwenzi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE li ġew stabbiliti fl-avviż ġeneriku japplikaw bis-sħiħ għaċ-ċertifikati maħruġa minn korpi notifikati (fil-każ ta' Korpi Notifikati) jew nominati (fil-każ ta' Korpi Nominati) mir-Renju Unit (minn hawn 'il quddiem "Korpi Notifikati/Korpi Nominati fir-Renju Unit"). Il-paragrafi li ġejjin jindirizzaw il-każijiet speċifiċi li jikkonċernaw it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-konstitwenti tal-interoperabbiltà, il-vetturi u s-subsistemi u t-tqegħid fis-servizz ta' installazzjonijiet fissi.
- It-tqegħid fis-suq u l-użu ta' kostitwenti tal-interoperabbiltà: Skont l-Artikoli 8 u 10(2) tad-Direttiva (UE) 2016/797, it-tqegħid fis-suq ta' kostitwent tal-interoperabbiltà jista' jesiġi valutazzjoni tal-konformità/idoneità għall-użu li ġiet stabbilita minn Korp Notifikat. Meta tkun meħtieġa valutazzjoni stabbilita minn Korp Notifikat, il-konsegwenzi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE stabbiliti fl-avviż ġeneriku dwar il-prodotti industrijali msemmija fil-paragrafu preċedenti japplikaw bis-sħiħ.
- It-tqegħid fis-servizz ta' installazzjonijiet fissi: Skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva (UE) 2016/797, l-installazzjonijiet fissi għandhom ikunu

¹³ Dan jgħodd ukoll għal ċertifikati minn korpi ta' ċertifikazzjoni tal-entitajiet inkarigati mill-manutenzjoni rikonoxxuti mir-Renju Unit jew akkreditati minn korp ta' akkreditament tar-Renju Unit f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 445/2011 dwar sistema ta' ċertifikazzjoni tal-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni tal-vaguni tal-merkanzija u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 653/2007 (ĠU L 122, 11.5.2011, p. 22).

¹⁴ Ara l-Artikolu 15(2) tal-Appendiċi G tal-COTIF u r-Regoli Uniformi stabbiliti f'konformità ma' dak l-Artikolu, fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni ECM fil-qafas COTIF. Għall-interazzjoni bejn iċ-ċertifikazzjonijiet ECM skont id-Direttiva 2004/49/KE u l-qafas COTIF, ara l-Artikolu 3a(5) tal-istess Appendiċi.

¹⁵ https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/getting-ready-end-transition-period_mt.

awtorizzati biex jitqiegħdu fis-servizz mill-awtorità nazzjonali tas-sikurezza tal-Istat Membru li jkunu jinsabu jew joperaw fit-territorju tiegħu. L-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-servizz skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva (UE) 2016/797 wara t-tmiem tal-perjodu tat-tranżizzjoni għandhom ikunu bbażati fuq ċertifikati ta' verifika maħruġa minn Korpi Notifikati/Korpi Nominati fl-UE.

- It-tqegħid fis-suq ta' vetturi u subsistemi mobbli: Skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva (UE) 2016/797, qabel ma tintuża fuq network, vettura ferrovjarja għandha tiġi awtorizzata biex titqiegħed fis-suq mill-entità ta' awtorizzazzjoni rilevanti (l-Aġenzija jew l-awtorità nazzjonali kompetenti)¹⁶. L-awtorizzazzjonijiet, wara t-tmiem tal-perjodu tat-tranżizzjoni, għat-tqegħid fis-suq skont l-Artikoli 20, 21 u 24 tad-Direttiva (UE) 2016/797 għandhom ikunu bbażati fuq ċertifikati ta' verifika maħruġa minn Korpi Notifikati/Korpi Nominati fl-UE.

Wara t-tmiem tal-perjodu tat-tranżizzjoni, l-ammissjoni taċ-ċirkolazzjoni jew l-użu ta' materjal ferrovjarju awtorizzat fir-Renju Unit fit-traffiku internazzjonali fl-UE se jiġi rregolat mill-COTIF, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet G¹⁷ u F¹⁸ tagħha¹⁹. Kif spjegat hawn fuq, dan ma jinkludix l-ammissjoni għaċ-ċirkolazzjoni jew l-użu fit-traffiku internazzjonali li jkun limitat għan-network tal-UE (jiġifieri li ma jiġix minn jew imur f'pajjiż terz), li huma rregolati mil-liġi tal-UE.

3. ĊERTIFIKAZZJONI TA' SEWWIEQ TAL-FERROVIJI

Id-Direttiva 2007/59/KE²⁰ tistabilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċeduri għaċ-ċertifikazzjoni tas-sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fis-sistema ferrovjarja tal-Unjoni. B'mod partikolari, din tirrikjedi li sewwieq tal-ferrovija jikseb liċenzja speċifika u ċertifikat speċifiku. Il-liċenzja tinħareġ mill-

¹⁶ Skont l-Artikolu 21(8) tad-Direttiva (UE) 2016/797, "*Fejn iż-żona tal-użu hija limitat għal network jew networks fi Stat Membru wieħed biss, l-awtorità nazzjonali tas-sikurezza ta' dak l-Istati Membru tista' toħroġ, taħt ir-responsabbiltà tagħha stess u meta l-applikant jitlob dan, l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-vettura.*" Fil-każijiet l-oħra kollha, l-entità awtorizzanti hija l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji.

¹⁷ "Regoli uniformi li jirrigwardaw l-ammissjoni teknika ta' materjal tal-ferroviji użat fit-traffiku internazzjonali". Għall-interazzjoni bejn awtorizzazzjonijiet tal-vetturi skont id-Direttiva 2008/57/KE u skont il-qafas COTIF, ara l-Artikolu 3a tal-Appendiċi G tal-COTIF.

¹⁸ "Regoli uniformi li jirrigwardaw il-validazzjoni ta' standards tekniċi u l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi applikabbli għall-materjal tal-ferroviji bl-intenzjoni li jintużaw mit-traffiku internazzjonali".

¹⁹ Fil-prattika, il-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 3a(2) tal-Appendiċi G tal-COTIF huma ssodisfati biss għall-vaguni "GE" ("ġo everywhere"). L-applikazzjoni tal-qafas COTIF għal vetturi oħra (bħal lokomottivi u vetturi ferrovjarji tal-passiġġieri) fil-prattika ma tipprovdi ekwivalenza bejn l-ammissjoni skont ir-Regoli Uniformi tal-COTIF u l-awtorizzazzjoni tal-UE għat-tqegħid fis-servizz.

²⁰ Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità, ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51.

awtorità kompetenti ta' Stat Membru filwaqt li ċ-ċertifikat jinħareġ mill-impriżi ferrovjarji u mill-manigġers tal-infrastruttura. Skont l-Artikolu 7, il-liċenzja maħruġa minn Stat Membru hija valida fit-territorju kollu tal-Unjoni filwaqt li ċ-ċertifikat huwa validu biss fuq dawk l-infrastrutturi u t-tagħmir mobbli identifikati fiċ-ċertifikat.

Il-liċenzji maħruġa mir-Renju Unit mhux se jibqgħu validi fl-UE wara t-tmiem tal-perjodu tat-tranżizzjoni.

Skont l-Artikoli 11(2) u 20 tad-Direttiva 2007/59/KE, l-applikant għal liċenzja jrid jipprovdi konferma tal-idoneità medika minn tabib mediku akkreditat minn korp ta' akkreditazzjoni tal-UE, jew rikonossut minn Stat Membru tal-UE.

Il-liċenzji maħruġa minn Stat Membru tal-UE wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni ma jistgħux jibqgħu jiġu bbażati fuq konferma ta' tabib mediku akkreditat minn korp ta' akkreditazzjoni tar-Renju Unit jew rikonossut minn awtorità nazzjonali tar-Renju Unit. Madankollu, il-liċenzji maħruġa minn Stat Membru tal-UE qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni fuq il-bażi ta' konferma minn tabib mediku akkreditat minn korp ta' akkreditazzjoni tar-Renju Unit jew rikonossut minn awtorità nazzjonali tar-Renju Unit jibqgħu validi.

Iċ-ċertifikati maħruġa minn impriża ferrovjarja stabbilita fir-Renju Unit mhux se jibqgħu validi fl-UE wara t-tmiem tal-perjodu tat-tranżizzjoni.

B. ID-DISPOŻIZZJONIJIET RILEVANTI DWAR IS-SEPARAZZJONI TAL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ

L-Artikolu 41(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprovdi li oġġett eżistenti u identifikabbli individwalment imqiegħed fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jista' jsir disponibbli fis-suq tal-UE jew tar-Renju Unit u jiċċirkola bejn dawk iż-żewġ swieq sakemm jasal għand l-utent aħħari tiegħu.

L-operatur ekonomiku li jinvoka dik id-dispożizzjoni għandu l-oneru tal-prova li juri fuq il-bażi ta' kwalunkwe dokument rilevanti li l-oġġett kien tqiegħed fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranzizzjoni²¹.

Għall-finijiet ta' dik id-dispożizzjoni, "tqiegħid fis-suq" tfisser l-ewwel provvista ta' oġġett għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu fis-suq waqt attività kummerċjali, kemm jekk bi ħlas kif ukoll mingħajr ħlas.²² "Provvista ta' oġġett għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu" tfisser li oġġett eżistenti u individwalment identifikabbli, wara li jkun seħħ l-istadju tal-manifattura, ikun is-suġġett ta' ftehim bil-miktub jew verbali bejn żewġ, jew aktar, persuni ġuridiċi jew fiżiċi għat-trasferiment ta' sjieda, ta' kwalunkwe dritt ieħor ta' proprjetà, jew ta' pussess li jikkonċernaw l-oġġett inkwistjoni, jew ikun is-suġġett ta' offerta lil persuna jew persuni ġuridiċi jew fiżiċi għall-konklużjoni ta' tali ftehim".²³

²¹ L-Artikolu 42 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

²² L-Artikolu 40(a) u (b) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

²³ L-Artikolu 40(c) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

L-Artikolu 41(1)(b) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedi li oġġett eżistenti u identifikabbli individwalment imqiegħed fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jista' jittqiegħed fis-servizz fl-UE jew tar-Renju Unit.

B'mod speċifiku, fis-settur ferrovjarju, dan ifisser dan li ġej:

- kostitwent tal-interoperabilità li jkun tqiegħed fis-suq qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni b'ċertifikat ta' konformità/idoneità għall-użu maħruġ minn Korpi Notifikat fir-Renju Unit jista' jintuża fil-perjodu ta' validità ta' ċertifikati ta' konformità/idoneità għall-użu f'vetturi jew subsistemi;
- l-awtorizzazzjonijiet għat-tqiegħid fis-servizz ta' installazzjonijiet fissi mqiegħda fis-suq qabel it-tmiem tal-perjodu tat-tranżizzjoni jibqgħu validi wara t-tmiem tal-perjodu tat-tranżizzjoni anki jekk ikunu ġew awtorizzati abbażi ta' ċertifikati ta' verifika maħruġa minn Korpi Notifikati/Korpi Nominati fir-Renju Unit;
- l-awtorizzazzjonijiet għat-tqiegħid fis-suq ta' vetturi mqiegħda fis-suq qabel it-tmiem tal-perjodu tat-tranżizzjoni jibqgħu validi fil-qasam tal-użu tagħhom fl-UE wara t-tmiem tal-perjodu tat-tranżizzjoni anki jekk ikunu ġew awtorizzati abbażi ta' ċertifikati ta' verifika maħruġa minn Korpi Notifikati/Korpi Nominati fir-Renju Unit. L-istess japplika għall-awtorizzazzjonijiet għat-tqiegħid fis-suq ta' subsistemi mobbli.

C. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TAT-TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.²⁴ Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq huwa soġġett għal kunsens perjodiku tal-Assemblea Leġislattiva tal-Irlanda ta' Fuq, fejn il-perjodu inizjali ta' applikazzjoni jestendi sa 4 snin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.²⁵

Permezz tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE huma applikabbli wkoll għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Fil-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, l-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li sa fejn ir-regoli tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, l-Irlanda ta' Fuq hija ttrattata daqslikieku kienet Stat Membru.²⁶

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jipprevedi li d-Direttiva (UE) 2016/797 tapplika għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, sa fejn il-kundizzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għat-tqiegħid fis-suq, it-tqiegħid fis-servizz u l-moviment liberu tal-prodotti ferrovjarji huma kkonċernati²⁷.

²⁴ L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

²⁵ L-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

²⁶ Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

²⁷ L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq u t-Taqsima 28 tal-anness 2 ta' dak il-Protokoll.

Dan ifisser li r-referenzi għall-UE fil-Parti A.2.2 u B ta' dan l-Avviż għandhom jinftiehm u bħala li jinkludu l-Irlanda ta' Fuq, filwaqt li r-referenzi għar-Renju Unit għandhom jinftiehm u li jirreferu biss għall-Gran Brittanja.

B' mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost oħrajn, dan li ġej:

- Il-prodott ferrovjarju li jitqiegħed fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz fl-Irlanda ta' Fuq għandu jikkonforma mad-Direttiva (UE) 2016/797.

Madankollu, il-Protokoll tal-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jeskludi l-possibbiltà għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq li:

- jipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fit-tfassil ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni²⁸;
- jibda proċeduri ta' oġġezzjonijiet, ta' salvagwardja jew ta' arbitraġġ sa fejn dawn jikkonċernaw regolamenti, standards, valutazzjonijiet, reġistrazzjonijiet, ċertifikati, approvazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet maħruġa jew imwettqa mill-Istati Membri tal-UE²⁹;
- jaġixxi bħala l-awtorità ewlenija għal valutazzjonijiet, eżamijiet u awtorizzazzjonijiet;³⁰
- jinwoka l-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini jew ir-rikonossiment reċiproku għal prodotti mqiegħda legalment fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq; jew għal ċertifikati maħruġa minn korpi stabbiliti fir-Renju Unit.³¹

B' mod aktar speċifiku, dan l-aħħar punt ifisser, fost oħrajn, dan li ġej:

- l-awtorizzazzjonijiet maħruġa wara t-tmiem tal-perjodu tat-tranżizzjoni mir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq għat-tqegħid fis-servizz ta' installazzjonijiet fissi jew għat-tqegħid fis-suq ta' vetturi mhux se jkunu validi fl-UE;
- il-korpi stabbiliti fl-Irlanda ta' Fuq jistgħu jiċċertifikaw prodotti, iżda ċ-ċertifikati maħruġa minn Korpi Notifikati fl-Irlanda ta' Fuq huma validi biss fl-Irlanda ta' Fuq u mhumiex validi fl-UE³²;
- meta prodott jiġi ċċertifikat minn Korp Notifikat fl-Irlanda ta' Fuq, għandha titwaħħal l-indikazzjoni "UK (NI)" ħdejn il-marka CE jew kwalunkwe marka ta' konformità applikabbli oħra³³. Din il-marka distinta tippermetti l-identifikazzjoni

²⁸ Fejn ikun hemm bżonn ta' skambju ta' informazzjoni jew konsultazzjoni reċiproka, dawn għandhom iseħħu fil-grupp ta' ħidma konsultattiv konġunt stabbilit mill-Artikolu 15 tal-Protokoll tal-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

²⁹ Il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq

³⁰ L-Artikolu 13(6) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq

³¹ L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq

³² Ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq

³³ Ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq

ta' prodotti li jistgħu jitqiegħdu legalment fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq, iżda mhux fl-UE.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar it-trasport bil-ferrovija (https://ec.europa.eu/transport/modes/rail_en) jipprovdi informazzjoni ġenerali li tikkonċerna r-regoli għat-trasport bil-ferrovija fl-Unjoni. Dawn il-paġni jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport